# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.3

**Kap 6: Ġesù qam tassew**

**Lezzjoni 6.3 – Jien ukoll kont hemm u rajtu**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jitgħallmu l-istorja tal-Passjoni ta' Ġesù.
2. jiddiskutu l-personaġġi l-aktar importanti fil-Passjoni, fosthom il-Madonna;
3. jisimgħu l-istorja ta' Pietru fil-Palazz;
4. jiddiskutu kif ħassu Pietru;
5. jitgħallmu kif spiċċa Pietru wara li ċaħad lil Ġesù.



.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- PPt : *Jien ukoll kont hemm.... u rajtu*
- Karta ta' taħriġ: 6.2 (mill-Ktieb)
- Link: Worthy is the lamb

  https://www.youtube.com/watch?v=qqmcoJw6QnI

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Fil-lezzjoni ta' qabel tkellimna kemm batiet iż-żerriegħa li kibret fid-deżert imma minkejja t-tfixkil ma qagħtetx qalbha.
- Staqsi: Fil-Vanġeli, liema ġrajja li seħħet tassew titkellem dwar it-tbatija? (Il-Passjoni ta' Ġesù).
- Jintwera l-PPt *Jien ukoll kont hemm... u rajtu.*



- Iftaħ diskussjoni billi tistaqsi: Liema karattru l-aktar li jolqtok fil-ġrajja tal-passjoni?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi: Barra Ġesù liema persuna batiet l-aktar f'din il-ġrajja? Asal għall-fatt li fil-passjoni kien hemm il-Madonna.
2. Spjega kif din il-mara żgur li kienet l-aktar persuna b'qalb maqsuma f'dik il-ġrajja - għax kienet omm Ġesù. Ratu jitwieled u jitrabba u ħajjitha qattgħetha kollha timxi warajh. Kieku kont flokha dak il-ħin kif taħseb li kont tħossok?



3. Staqsi dwar Pietru u ara x'jaħsbu dwar dan ir-raġel.
4. Asal għall-punt li kien iħobb lil Ġesù imma beża' u meta ġietu l-okkażjoni biex juri li kien ma' Ġesù qal li ma kienx jafu.
5. Uri l-klipp: *Worthy is the Lamb ch 3-4* waqt li tirrevedi dak li tkunu ddiskutejtu.
6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.2 u wara li taqra s-silta mogħtija spjega Attività 1.
7. Stieden lit-tfal ipinġu l-personaġġi li raw lil Ġesù fil-passjoni.
   - It-tweġibiet huma: Pietru – Ġwanni - Xmun minn Ċirene – suldati Rumani – qassisin tat-tempju -
8. Fakkar fl-istorja ta' Pietru u wara li taqra s-silta tal-Vanġelu: iċ-ċaħda ta' Pietru għin lit-tfal jimlew il-vojt fis-sentenzi ta' Attività 2.
9. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li meta xi ħadd jagħmillek il-ħsara, irridu naħdmu biex naħfru b'mod li ngħinu lil min jagħmlilna l-ħsara.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù ħa lill-appostli miegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ biex jitlob waħdu.
2. Fil-ġnien ġie Ġuda u l-għedewwa ta' Ġesù u lil Ġesù ħaduh magħhom.
3. L-appostli ħarbu għax beżgħu.
4. Ġesu' ħaduh għand il-kapijiet tal-Lhud u ġie kkundannat għall-mewt.
5. Il-Madonna baqgħet tiġri warajh u tara x'kien ser jiġri minnu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru rispett lejn il-ħbieb tagħhom u juru li jifhmu u juru li l-ħbiberija nuruha meta l-ħbieb ikollhom bżonna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Link: Worthy is the lamb

https://www.youtube.com/watch?v=qqmcoJw6QnI



**Nitolbu**

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.

